**Leħen il-Parroċċa**
**tal-Qalb bla Tebgħa ta' Marija**
**Burmarrad**

*Lulju – Awwissu 2016* *Nru: 397*

## Sħana



F'dawn ix-xhur sħan tas-sajf ilkoll infittxu xi ftit tal-mistrieħ. It-tfal ikollhom il-vaganzi, min imur sal-baħar, min isiefer, min jaħdem nofs ta' nhar biss u min igawdi l-festi fl-irħula. Hemm ukoll dawk fostna li jkollhom jaħdmu għal sigħat twal fix-xemx biex jiġbru dak li trodd l-art.

Kemm tkun ħaġa sabiħa meta l-ħtieġa għall-mistrieħ tal-ġisem li nħossu tfakkarna fix-xewqa li hemm fil-fond ta' qalbna għall-mistrieħ veru u niskopru kemm il-qalb ħanina tal-Mulej hija dejjem lesta biex tilqagħna, tħaddanna, tippurifikana, tfejjaqna u ssaħħaħna.

Ejjew ma nħallux dan iż-żmien ta' grazzja jaħrab imma nużawh biex niskopru u ninżlu iżjed fil-fond tal-misteru tal-imħabba ta' Alla għalina.

*P.Christian Anthony Borg OFM Conv.*
*Kappillan*

**Issa tista' taqra r-rivista Flimkien online:**
*https://issuu.com/spieldeg/docs/0716_flimkien_lulju*

☎ 21573045 / 77622275 parrocca.burmarrad@maltadiocese.org
www.parroċċaburmarrad.com Il-Parroċċa ta' Burmarrad

## **Is-setgħat tal-infern ma jegħlbux lill-Knisja**

*(Silta mill-omelija tal-Arċisqof Charles J. Scicluna fl-okkazjoni tal-festa ta' San Pietru u San Pawl)*




'Jiena nagħtik l-imfietaħ tas-saltna tas-smewwiet, u kull ma torbot fuq l-art ikun marbut fis-smewwiet.' Din is-setgħa li l-Mulej Ġesù ta lill-appostlu Pietru, u permezz tiegħu lill-appostli kollha matul is-sekli, għax l-isqfijiet huma s-suċċessuri tal-appostli, din is-setgħa hija setgħa ta' ħniena. Pietru x'jorbot fuq din l-art? Jorbot bil-ktajjen tal-ħniena lill-Ħazin. Infatti fir-rit tal-eżorcizmu, l-eżorcista jorbot lil Satana bis-setgħa ta' Ġesù Kristu. U din hija setgħa ta' ħniena. Xi jħoll Pietru fuq l-art? Iħoll lilna mxekklin mill-vizzji tagħna u minn dnubietna u mill-ħakma tax-xitan.

Illum aħna u niċċelebraw dawn il-pedamenti tal-fidi, Pietru u Pawlu, irridu wkoll ningħaqdu bħala Knisja. Illum niftakru fil-kliem ta' Ġesù, is-setgħat tal-infern ma jegħlbux il-Knisja ta' Ġesù għaliex hija mibnija fuq il-fidi li nissel Pietru, li stqarr Pietru, li xehed għaliha Pietru bit-tixrid ta' demmu.

F'kull epoka, il-Knisja taħsibha dgħajsa se tegħreq, f'kull mument tal-istorja jkollna t-tentazzjoni naħsbu li : 'iva, veru imma issa s-setgħat tal-infern qawwija wisq' u dvenven matul is-sekli, il-kelma samma u sħiħa, soda u fidila ta' Ġesù: Is-setgħat tal-infern ma jgħelbuhiex.

## Il-Familja tagħna



Fil-ġimgħat li għaddew Tim Bartolo Lautier, Chanel Micallef u Gianni Camilleri rċevew is-Sagrament tal-Magħmudija.

Fil-11 ta' Ġunju rċevew is-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof 22 adolexxent/a rċevew is-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof fil-parroċċa tagħna. Dawn huma: Amira Drdera, David De Carlo, Emma Staddon, Enya Bonnici, Francesca Grech, Gabriel Micallef, Isaac Camilleri, Jamie Borg, Karl Gauci, Kaya Mifsud, Kylie Camilleri, Leon Muscat, Maya Mifsud, Miriam Tanti, Miriana Catania, Nicole Saliba, Nigel Debattista, Owen Camilleri, Owen Mangion, Rebecca Buttigieg, Tay Campbell, Yanika Camilleri.

Fis-7 ta' Lulju sar il-funeral ta' Claus Moeller li kien joqgħod fi Triq Ġebel Għażżara.

## Saċerdoti Ġodda



Fid-29 ta' Ġunju l-Arċisqof Charles J. Scicluna ordna 8 saċerdoti ġodda fosthom lil P. Allister Aquilina Franġiskan Konventwali. Nhar il-Ħadd 17 ta' Lulju fis-7pm sa jkun qed iqaddes għall-ewwel darba fil-Parroċċa tagħna. Nawgurawlu ħafna snin ta' ministeru fl-għalqa tal-Mulej u nżommuh fit-talb tagħna.

*Ad multos annos!*

## Attivitajiet għal matul ix-xhur tas-sajf

- Nhar ta' **Tlieta** bejn l-**10am u nofsinhar** issir Adorazzjoni Ewkaristika fis-skiet fil-Knisja.

- Nhar ta' **Tlieta** bejn il-**5.15 u s-6pm** il-MUSEUM ikun miftuħ u ssir laqgħa għat-tfal kollha.

- Nhar ta' **Ħamis** fl-**4.30pm** isiru l-provi tal-kor tat-tfal u żgħażagħ fil-Knisja.

- Nhar ta' **Ħamis** il-Quddiesa tas-**7pm** tkun bis-sehem tat-tfal. Fi tmiem il-quddiesa jsir ftit ħin ta' Adorazzjoni Ewkaristika. Wara jittelgħu xi rigali għat-tfal. *<u>Fit-28 ta' Lulju</u> ssir lejla ta' logħob għat-tfal kollha.*

- Nhar ta' **Ġimgħa** bejn it-**7.45 u d-9.30pm** jiltaqa' l-grupp tal-adolexxenti u żgħażagħ fiċ-Ċentru Parrokkjali.

- Nhar ta' **Sibt** bejn it-**3.00 u l-4.30pm** issir il-laqgħa tal-Abbatini.

~~~~~~~~~~

*Attivitajiet oħra li jkunu sa jsiru jitħabbru fl-avviżi.*

~~~~~~~~~~

Nhar it-Tnejn **15 ta' Awwissu, Solennità tat-Tlugħ fis-Sema ta' Marija**, hija Festa kmandata. Għaldaqstant il-quddies ikun bħal tal-Ħadd (fis-6.00am, fit-8.30am u fis-7.00pm).

~~~~~~~~~~

Matul dan il-Ġublew tal-Ħniena tinsiex li l-Mulej qiegħed jistenna lilek biex jerġa jħaddnek miegħu kull darba li tħossok dgħajjef u midneb. Tibżax tersaq għas-sagrament tal-Qrar. Hija esperjenza sabiħa ta' mħabba!
~~~~~~~~~~